MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta tal-11 ta' Ottubru, 2010

Appell Kriminali Numru. 189/2009

**Il-Pulizija**
**(Spt. Dennis Theuma)**
**(Spt. Pierre Grech)**
**Vs**
**Akram Ali Larbi Salem Ossta**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli f'dawn il-Gzejjer fit-2 t'April, 2005 u fil-jiem ta' qabel din id-data, b'diversi azzjonijiet maghmula anki jekk fi zminijiet differenti izda li jiksru l-istess dispozizzjonijiet tal-ligi, u li kienu maghmula b'rizoluzzjoni wahda:-

a) Assocja ruhu ma xi persuna jew persuni ohra f'dawn il-gzejjer jew barra minn dawn il-Gzejjer sabiex ibieghu jew jitraffikaw medicina (raza tal-cannabis) f'dawn il-Gzejjer kontra id-disposizzjonijiet ta' din l-Ordinanza, jew li jippromwovu, jikkostitwixxu, jew jorganizzaw jew jiffinanzjaw tali assocjajzjoni;

b) Ipproduca, biegh jew xort'ohra ittraffika fir-raza mehuda mill-pjanta cannabis, jew/xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza, u dan bi ksur tal-artikolu 8 (b) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta.
c) Kellu fil-pussess tieghu ir-raza mehuda mill-pjanta Cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza, u dan bi ksur tal-artikolu 8(a) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-25 ta' Mejju, 2009, li biha, wara li rat l-artikoli 8(b) u 8(a), Taqsima VI, l-artikoli 22(2)(b)(i) tal-Kap. 101, ma sabitx lill-appellant hati tal-ewwel akkuza w illiberatu minnha, sabitu hati tat-tieni w tat-tielet akkuza w ikkundannatu ghal terminu ta' prigunerija ta' sentejn u ghal hlas ta' multa ta' tlett elef Euro (€3000).
Ordnat il-konfiska biss tal-ammont ta' LM 300 misjuba fuq il-persuna tal-appellant kif ukoll id-distruzzjoni tad-droga esebita bi spejjez kontra l-appellant li ghandu wkoll ihallas ghall-ispejjez inkorsi in konnessjoni mal-esperti kollha nominati f'dawn il-proceduri inkluzi dawk nominati fl-inkjesta mertu tal-kaz.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fit-3 ta' Gunju, 2009, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata billi filwaqt li tikkonferma dik il-parti tas-sentenza fejn l-Ewwel Qorti sabet lill-appellant mhux hati ta' l-ewwel akkuza, thassar u tirrevoka dik il-parti meta sabitu hati tat-tieni u tat-tielet akkuza w minnhom tilliberah.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant fil-qosor, huma s-segwenti w cioe':-
1. illi l-Ewwel Qorti ghamlet apprezzament hazin tal-fatti w dan stante li kien hemm konflitt qawwi ta' provi tal-prosekuzzjoni li jhallu dubju serju u ragjonevoli u ma

jwasslux ghall-konvinciment morali ghall-htija ta' l-appellant kif effettivament waslet ghaliha l-Ewwel Qorti;
2. illi anke l-kumment fis-sentenza ta' l-Ewwel Qorti li l-fatt li John Gerada li barra li nstabet is-sapuna cannabis kellu droga ohra fid-dar tieghu, kemm ghandu mis-sewwa fil-hajja normali ta' kuljum illi ssaqsi persuna li ma tafx ibieghux id-droga jew le biex tixtri d-droga minn ghandu w li b'kumbinazzjoni din il-persuna tkun il-persuna li tista' taqdik;
3. illi fl-ebda mument f'din l-investigazzjoni l-appellant ma jirrizulta li qatt kellu konnessjoni mad-droga imma kienet persuna li tahdem bi qliegh xoghol ta' tikhil u kisi u kif jirrizulta mid-dokumenti f'dan il-process fejn l-istess appellant fix-xhieda tieghu jikkonferma li kellu nies mieghu ghax kienu jiehdu xoghol ta' kuntratti ghalkemm kien ukoll impjegat ma socjeta' w li l-Ewwel Qorti ghamlet deduzzjoni zbaljata ghall-fatt li persuna ghalkemm tkun impjegata b'sengha bhala ghandu l-appellant ma tistax ukoll taghmel xoghol iehor ghal rasha bi qliegh ma impjegati ohra min-naha taghha w li ghalhekk ma tistax tasal ghall-konkluzzjoni kif effettivament waslet l-Ewwel Qorti meta qalet "jekk il-flus misjuba fuqu kienu destinati ghall-impjegati tieghu, irid jispjega ghaliex ghandu impjegati mieghu w min huma meta hu stess huwa impjegat";
4. illi anke l-Pulizija li mexxew l-investigazzjonijiet u in partikolari WPS 45 Marisa Bartolo, llum Surgent Maggur tal-Pulizija meta kienu qed isegwu l-appellant javvicina d-dar tal-koppja Gerada w meta kellhom istruzzjonijiet specifici (ara fol. 174) li kif javvicina r-residenza imorru fuqu, meta effettivament dan garax u hallewh jidhol fir-residenza tal-koppja Gerada w marru fuqu wara li hareg mid-dar tal-koppja Gerada. Jekk dan mhux dubju serju li ghandu jmur favur l-appellant allura kif tista' tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha l-Ewwel Qorti. Ara wkoll ix-xhieda ta' PC 599 Clyde Mangion meta jghid li lanqas biss ma ghajjat lill-appellant x'hin rah niezel mill-karozza w jersaq lejn ir-residenza tal-konjugi Gerada w jikkonferma fatti ohra li l-Qorti injorat;
5. illi l-istess xhieda tax-xhud John Gerada hija kontradetta dwar jekk verament cempilx jew le fuq il-mobile lill-appellant tohrog cara mix-xhieda ta' Dr. Robert

Tufigno meta jghid li fuq il-mobiles, mir-records li kellhom ma saru l-ebda calls f’dak il-perjodu w li dan fih innifsu jitfa dubju iehor serju dwar il-kredibbilita’ tax-xhud ewlieni tal-prosekuzzjoni John Gerada li l-Ewwel Qorti skartat li tezamina;

6. illi anke l-fatt li l-appellant ittiehdulu l-impronti digitali biex isiru l-ezamijiet komparattivi w li l-ezitu taghhom kien wiehed negattiv;

7. L-Ewwel Qorti wkoll ma apprezzatx il-fatt li John Gerada kien midhla sew fil-kamp tad-droga kif tixhed ix-xhieda tieghu stess u li jikkonferma li kien jaf lill-appellant bhala tifel sew u li din ukoll fiha nnifisha titfa dubju serju dwar dak illi x-xhud John Gerada hassu komdu jitfa’ l-problemi tieghu meta nstabet id-droga fil-pussess tieghu gewwa r-residenza tieghu fuq il-persuna innocenti ta’ l-appellant.

Ikkunsidrat :

L-argument tad-difiza huwa illi d-decizjoni tal-Ewwel Qorti m’ghandhix fondament legali peress illi kellha tasal ghall-konkluzzjoni li l-appellant ma kellux x’jaqsam mat-tfittxija illi saret fir-residenza ta’ Gerada li l-Pulizija kienu jafu illi kien involut fil-qasam tad-droga.

Id-difiza argumentat illi l-appellant mar ghand Gerada sabiex jithallas ta’ xi xoghol ta’ kisi li kien ghamillu fid-dar tieghu.

Ikkunsidrat :

Dan l-argument irid jitqies fl-isfond tal-provi illi ingabu f’din il-kawza. Irrizulta li l-Pulizija kienet irciviet informazzjoni illi l-appellant kellu jikkonsenja bicca raza tal-cannabis f’dik ir-residenza ta’ Gerada. Fil-fatt l-imputat tfacca bil-vettura tieghu, ipparkja w dahal f’dik ir-residenza. Ftit wara huwa u hiereg gie imwaqqaf mill-Pulizija w arrestat. Saret tfittxija fir-residenza w taht “cushion” li fuqu kien hemm tifla zghira instabet blokka tal-cannabis. Il-Pulizija talbet ghall-spjegazzjoni minghajr sidien il-fond, u l-omm tat-tifla qalet illi kienet hbietha hemmhekk il-ghaliex indunat illi kienu gejjien il-Pulizija wara li stqarret illi kien l-

appellant li kien ghadu kif ikkonsenja dik il-blokka w fuq istruzzjonijiet ta' zewgha, li dak il-hin kien rieqed, hallsitu s-somma ta' tlett mitt Lira, liema somma instabet fil-pussess tal-appellant. Zewgha wara illi stqarr illi ghandu l-vizzju tad-droga li kien talab lill-appellant jakkwistalhu blokka raza ikkonferma illi qabel ma dahal jorqod ta istruzzjonijiet lill-martu sabiex thallas lill-appellant tal-konsenja.

Ikkunsidrat :

Illi kif tajjeb osservat l-Ewwel Qorti, f'kawzi illi tinvolvi d-drogi, l-Qorti tista' taghzel li temmen il-verzjoni ta' xhud minghajr il-htiega illi dan ikun ikkorroborat.

Il-Qorti pero' ghamlet ricerka approffondita b'ezami akkurat tal-provi specjalment ix-xiehda tal-appellant sabiex fl-ahhar waslet ghall-konkluzzjoni ta' htija.

Apparti x-xiehda diretta tal-konjugi Gerada, l-Qorti ezaminat ukoll ix-xiehda tal-appellant u provi ohra cirkostanzjali illi gew ipprezentati f'dawn l-atti.

Naturalment l-Qorti mhiex se tippretendi illi persuna li jkollha xi hsieb hazin sejra timmanifesta dan il-hsieb minn qabel, u ghalhekk il-provi cirkostanzjali jassumu importanza vitali ghal tezi tal-prosekuzzjoni sakemm dawn il-provi jwasslu ghall-konkluzzjoni wahda. F'dawn ic-cirkostanzi rrizulta li l-Pulizija kienu jafu illi se ssir konsenja tad-droga fid-data in kwistjoni w ghalhekk ghamlu ghassa mar residenza ta' Gerada maghruf ghalihom fil-qasam tad-droga. Kien l-imputat li wasal ghand din ir-residenza, dahal u hekk kif hareg gie arrestat u nstabu fuqu l-ammont ta' tlett mitt Lira. Wara tfittxija fir-residenza instabet blokka tal-cannabis u mall-ewwel il-koppja Gerada infurmaw lill-Pulizija illi dik il-blokka kien ghadu kif tahilhom l-appellant. Minkejja c-cahda tal-appellant, din il-Qorti ssib illi l-argumenti tal-appellant u l-ispjegazzjonijiet illi huwa ta mhumiex veritjeri u tasal ghall-istess osservazzjonijiet u konkluzzjoni illi ghamlet l-Ewwel Qorti.

Hemm hafna toqob fil-verzjoni moghtija mill-appellant u anki jekk dina tigi kkunsidrata fl-intier taghha l-kwadru li turi ma jwassalx lil din il-Qorti biex temmen dik il-verzjoni sal-grad tal-probabilita'. Il-verzjoni moghtija mill-appellant hija tebuluza w ma tistax tigi konfermata jew kontrollata anki jekk tiskarta ghall-mument l-ispjegazzjoni tal-konjugi Gerada li ma kienx minnu illi l-appellant ghamel xi xoghol ta' kisi fir-residenza taghhom.

Ghalhekk din il-Qorti tasal ghall-konkluzzjoni illi l-Ewwel Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzzjoni illi waslet ghaliha.

Meta jigri dan hu principju stabbilit fil-gurisprudenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali li ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-Ewwel Qorti.

Ghal dawn il-motivi taqta' w tiddeciedi illi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------